

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2244

tas-17 ta' Diċembru 2020

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri għas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 marbuta ma' ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 13i(5) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884 ⁽²⁾ li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri stabbilita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li ġiet ikkodifikata u mħassra bid-Direttiva (UE) 2017/1132. Sussegwentement ġew introdotti proċeduri ulterjuri għas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri fid-Direttiva (UE) 2017/1132 bid-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ flimkien ma' rekwiżit għall-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi korrispondenti sal-1 ta' Frar 2021.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi ta' skambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-kumpanija u r-reġistru tal-fergħa f'każ li tinftaħ jew tingħalaq fergħa jew meta jseħħu bidliet fid-*data* u l-informazzjoni tal-kumpanija.
- (3) Hemm bżonn li jiġi speċifikat x'jenħtieġ li tkun il-lista dettaljata tad-*data* meta tiġi pprovduta informazzjoni bejn ir-reġistru tal-kumpanija u r-reġistru tal-fergħa sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti tad-*data*.
- (4) Il-proċedura u r-rekwiżiti tekniċi għall-konnessjoni tal-punti fakultattivi ta' aċċess għall-Kummissjoni jew istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni mal-pjattaforma hemm bżonn li jiġu speċifikati sabiex jiġu żgurati regoli konsistenti għall-istabbiliment ta' tali punti ta' aċċess.

⁽¹⁾ (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri stabbilita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 10.6.2015, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fl-ambitu tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti. (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 80).

- (5) Għall-iskambju ta' informazzjoni dwar diretturi skwalifikati stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2019/1151 hemm bżonn li jiġu stabbiliti arranġamenti dettalġati u dettalġi tekniċi biex jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni effettiv, effiċjenti u fil-pront.
- (6) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2017/1132 jenħtieġ li jiġu inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni uniku. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/884 jiġi jitħassar u l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi stabbiliti f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (7) Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament hu soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ u għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, kif applikabbli.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fil-31 ta' Lulju 2020.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Interkonnessjoni tar-Reġistri Ċentrali, Kummerċjali u tal-Kumpaniji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri msemmija fl-Artikolu 22 (2) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/884 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni mħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.

ANNEX

Speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri

Fejn f'dan l-Anness issir referenza għal 'reġistri', din għandha tinftehem bħala 'reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji'.

Is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri f'dan l-Anness tissejjaħ is-'Sistema tal-Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS)'.

1. Metodi ta' komunikazzjoni

Il-BRIS għandha tuża metodi bbażati fuq is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, bħal servizzi tal-Internet, għall-fini ta' interkonnessjoni tar-reġistri.

Il-komunikazzjoni bejn il-portal u l-pjattaforma, u bejn reġistru u l-pjattaforma, għandha tkun komunikazzjoni ta' wieħed ma' wieħed. Il-komunikazzjoni mill-pjattaforma għar-reġistri tista' tkun wieħed ma' wieħed jew wieħed ma' ħafna.

2. Protokoll ta' komunikazzjoni

Protokoll tal-Internet siguri, bħal Hypertext Transfer Protocol Secure (HTTPS), għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni bejn il-portal, il-pjattaforma, ir-reġistri u l-punti ta' aċċess fakultattiv.

Protokoll ta' komunikazzjoni standard, bħall-Protokoll ta' Aċċess ta' Oġġett Uniku (SOAP), għandhom jintużaw għat-trażmissjoni ta' *data* strutturata u l-metadata.

3. Standards ta' sigurtà

Għall-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni permezz tal-BRIS, il-miżuri tekniċi li jiżguraw l-istandards ta' sigurtà minimi tat-teknoloġija tal-informatika għandhom jinkludu:

- (a) miżuri għall-iżguraw tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, inkluż billi jintużaw kanali sikuri (HTTPS);
- (b) miżuri għall-iżguraw tal-integrità tad-*data* waqt li tkun qed tiġi skambjata;
- (c) miżuri għall-iżguraw ta' nonripudju tal-orijini tal-mittent tal-informazzjoni fi ħdan il-BRIS u n-nonripudju tal-wasla tal-informazzjoni;
- (d) miżuri għall-iżguraw ta' llogġjar ta' avvenimenti ta' sigurtà f'konformità ma' rakkomandazzjonijiet internazzjonali għal standards tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- (e) miżuri għall-iżguraw tal-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' kull utent irreġistrat u miżuri għall-verifika tal-identità tas-sistemi konnessi mal-portal, mal-pjattaforma jew mar-reġistri fil-BRIS.

4. Metodi ta' skambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-kumpanija u r-reġistru tal-fergħa**4.1 Divulgazzjoni ta' fergħat ta' notifika**

Il-metodu li ġej għandu jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-kumpanija u r-reġistru tal-fergħa f'konformità mal-Artikoli 20 u 34 tad-Direttiva (UE) 2017/1132:

- (a) Ir-reġistru tal-kumpanija għandu jagħmel disponibbli, mingħajr dewmien, lill-pjattaforma l-informazzjoni dwar il-ftuħ u t-tmiem ta' kull proċediment ta' stralċ' jew insolvenza u fuq it-tneħħija tal-kumpanija ("l-informazzjoni żvelata");
- (b) Biex tkun żgurata l-irċevuta mingħajr dewmien tal-informazzjoni divulgata, ir-reġistru tal-fergħa għandu jitlob din l-informazzjoni mingħand il-pjattaforma. Din it-talba tista' tikkonsisti f'li jiġi indikat lill-pjattaforma l-kumpaniji li r-reġistru tal-fergħa huwa interessat li jirċievi l-informazzjoni żvelata;
- (c) B'din it-talba, il-pjattaforma għandha tiżgura li r-reġistru tal-fergħa jkollu aċċess għall-informazzjoni divulgata mingħajr dewmien.

4.2 *Notifika tar-reġistrazzjoni tal-fergħa*

Il-metodu li ġej għandu jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-fergħa u r-reġistru tal-kumpanija f'konformità mal-Artikolu 28a tad-Direttiva (UE) 2017/1132:

- a) Ir-reġistru tal-fergħa għandu jibgħat messaġġ, mingħajr dewmien, permezz tal-BRIS lir-reġistru tal-kumpanija ("notifika tar-reġistrazzjoni tal-fergħa");
- b) Meta tasal in-notifika, ir-reġistru tal-kumpanija għandu, mingħajr dewmien, jibgħat messaġġ li jikkonferma l-irċevuta tan-notifika ("konferma tar-riċevuta tan-notifika tar-reġistrazzjoni tal-fergħa").

4.3 *Notifika tal-ghelug tal-fergħa*

Il-metodu li ġej għandu jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-fergħa u r-reġistru tal-kumpanija f'konformità mal-Artikolu 28c tad-Direttiva (UE) 2017/1132:

- a) Ir-reġistru tal-fergħa għandu jibgħat messaġġ, mingħajr dewmien, permezz tal-BRIS lir-reġistru tal-kumpanija ("notifika tal-ghelug tal-fergħa");
- b) Meta tasal in-notifika, ir-reġistru tal-kumpanija għandu, mingħajr dewmien, jibgħat messaġġ li jikkonferma l-irċevuta tan-notifika ("konferma tar-riċevuta tan-notifika tal-ghelug tal-fergħa").

4.4. *Notifika dwar bidliet fid-dokumenti u informazzjoni dwar il-kumpanija*

Il-metodu li ġej għandu jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistru tal-kumpanija u r-reġistru tal-fergħa f'konformità mal-Artikolu 30 a tad-Direttiva (UE) 2017/1132:

- a) Ir-reġistru tal-kumpanija għandu jagħmel disponibbli, mingħajr dewmien, lill-pjattaforma l-informazzjoni dwar il-bidliet fid-dokumenti u l-informazzjoni dwar il-kumpanija ("informazzjoni żvelata"). Il-format tal-messaġġ għandu jagħmilha possibbli li jiġu inklużi l-hemżiet;
- b) Biex tkun żgurata l-irċevuta mingħajr dewmien tal-informazzjoni divulgata, ir-reġistru tal-fergħa għandu jitlob din l-informazzjoni mingħand il-pjattaforma. Dik it-talba tista' tikkonsisti f'li jiġi indikat lill-pjattaforma l-kumpaniji li r-reġistru tal-fergħa huwa interessat li jirċievi l-informazzjoni żvelata;
- c) B'dik it-talba, il-pjattaforma għandha tiżgura li r-reġistru tal-fergħa jkollu aċċess għall-informazzjoni divulgata mingħajr dewmien.
- d) Meta tasal l-informazzjoni żvelata, ir-reġistru tal-fergħa għandu, mingħajr dewmien, jibgħat messaġġ li jikkonferma l-irċevuta tan-notifika ("konferma tar-riċevuta tan-notifika dwar bidliet fid-dokumenti u informazzjoni dwar il-kumpanija").

4.5. *Żbalji ta' komunikazzjoni*

Miżuri tekniċi xierqa u l-proċeduri għandhom ikunu fis-seħħ sabiex jittrattaw kull żball ta' komunikazzjoni bejn ir-reġistru u l-pjattaforma.

5. **Lista tad-data li trid tiġi skambjata bejn ir-reġistri**

5.1. *Notifika ta' divulgazzjoni ta' fergħa*

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistri stabbiliti fl-Artikoli 20 u 34 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 għandha tissejjaħ 'notifika ta' divulgazzjoni ta' fergħa'. Il-proċediment li jwassal għal din in-notifika għandu jissejjaħ "avveniment ta' divulgazzjoni tal-fergħa".

Għal kull notifika ta' divulgazzjoni tal-fergħa msemmija fil-punt 4.1, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-*data* li ġejja:

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|--|----------------------------|---|
| Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> tal- <i>ħruġ</i> | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> ta' meta n-notifika kienet mibgħuta | 1 | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> |
| Organizzazzjoni tal- <i>ħruġ</i> | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Data relatata ma' proċediment | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| Data Effettiva | Data meta l-proċediment li jaffettwa l-kumpanija daħal fis-seħħ | 1 | Data |
| Tip ta' Proċediment | It-tip ta' proċediment li jwassal għal avveniment ta' divulgazzjoni tal-fergħa kif imsemmi fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 | 1 | Kodiċi (Ftuħ ta' Stralċ Terminazzjoni tal-Istralċ Ftuħ u Terminazzjoni tal-Istralċ Revoka tal-Istralċ Ftuħ ta' Insolvenza Terminazzjoni ta' Insolvenza Ftuħ u Terminazzjoni ta' Insolvenza Revoka ta' Insolvenza It-tneħħija) |
| Id-<i>data</i> tal-kumpanija | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 1 | Identifikatur Ara t-Taqsima 8 ta' dan l-Anness għall-istruttura tal-EUID |
| ID alternattiv | Identifikaturi oħra tal-kumpanija (pereż. Identifikatur tal-Entità Legali) | 0...n | Identifikatur |
| Forma ġuridika | It-tip ta' forma legali | 1 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Isem | Isem tal-kumpanija li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 1 | Test |
| Uffiċċju Reġistrat | L-Uffiċċju Reġistrat tal-Kumpanija | 1 | Test |
| Isem ir-Reġistru | L-isem tar-reġistru fejn hija rreġistrata l-kumpanija | 1 | Test |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li d-*data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-*data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

Il-messaġġ ta' notifika jista' wkoll jinkludi *data* teknika meħtieġa għat-trażmissjoni xierqa tal-messaġġ.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jinkludi wkoll messaġġi tekniċi meħtieġa għall-konferma tal-wasla, illoggjar u skopijiet ta' rappurtar.

5.2 Notifika tar-reġistrazzjoni tal-fergħa

Għal kull notifika ta' reġistrazzjoni tal-fergħa msemmija fil-punt 4.2, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-*data* li ġejja:

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità (!) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|---|--|-----------------|---|
| Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> tal- <i>ħruġ</i> | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> ta' meta n-notifika kienet mibgħuta | 1 | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> |
| Organizzazzjoni tal- <i>ħruġ</i> | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru fejn hija rreġistrata l-kumpanija | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Data tal-fergħa | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| Data tar-reġistrazzjoni | Data meta ġiet irreġistrata l-fergħa. | 1 | Data |
| Data effettiva | Data meta l-ftuħ tal-fergħa jsir effettiv, jekk disponibbli | 0 | Data |
| Isem il-fergħa jekk differenti minn isem il-kumpanija | Isem il-fergħa li tkun is-suġġett ta' din in-notifika. Jekk huwa l-istess bħall-kumpanija, dan il-kamp għandu jitħalla vojta | 0 | Test Kif imsemmi fl-Artikolu 30(1)(d) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Ismijiet addizzjonali tal-fergħa | Jekk il-fergħa jkollha aktar minn isem wieħed, l-ismijiet addizzjonali jistgħu jiġu inklużi. | 0...n | Test |
| EUID | Identifikatur uniku tal-fergħa li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 1 | Identifikatur |
| L-indirizz tal-fergħa | L-indirizz tal-fergħa li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 1 | L-indirizz sħiħ |
| Id-<i>data</i> tal-kumpanija | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li għaliha tappartjeni l-fergħa | 1 | Identifikatur |

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|----------------|--|-----------------|---|
| ID alternattiv | Identifikaturi oħra tal-kumpanija (pereż. Identifikatur tal-Entità Legali) | 0...n | Identifikatur |
| Forma ġuridika | It-tip ta' forma legali | 0 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Isem | Isem tal-kumpanija li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 0 | Test |

(*) Kardinalità 0 tfisser li d-data hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-data hija obligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' data tista' tiġi pprovduta.

Il-messaġġ ta' notifika jista' wkoll jinkludi data teknika meħtieġa għat-trażmissjoni xierqa tal-messaġġ.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jinkludi wkoll messaġġi tekniċi meħtieġa għall-konferma tal-wasla, illoggjar u skopijiet ta' rappurtar.

5.3 Notifika tal-għeluq tal-fergħa

Għal kull notifika ta' għeluq tal-fergħa msemmija fil-punt 4.3, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-data li ġejja:

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|---|--|-----------------|---|
| Id-data u l-ħin tal-ħruġ | Id-data u l-ħin ta' meta n-notifika kienet mibgħuta | 1 | Id-data u l-ħin |
| Organizzazzjoni tal-Ħruġ | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru fejn hija rreġistrata l-kumpanija | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Data tal-fergħa | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| Data tat-tħassir tal-fergħa mir-reġistru | Data meta l-fergħa tħassret mir-reġistru | 1 | Data |
| Data effettiva | Data meta l-għeluq tal-fergħa jsir effettiv, jekk disponibbli | 0 | Data |
| Isem il-fergħa jekk differenti minn isem il-kumpanija | Isem il-fergħa li tkun is-suġġett ta' din in-notifika. Jekk huwa l-istess bħall-kumpanija, dan il-kamp għandu jitħalla vojta | 0 | Test Kif imsemmi fl-Artikolu 30(1)(d) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|-------------------------------------|--|----------------------------|---|
| Ismijiet addizzjonali tal-fergħa | Jekk il-fergħa jkollha aktar minn isem wieħed, l-ismijiet addizzjonali jistgħu jiġu inklużi. | 0...n | Test |
| EUID | Identifikatur uniku tal-fergħa li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 1 | Identifikatur |
| Id-<i>data</i> tal-kumpanija | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li għaliha tappartjeni l-fergħa | 1 | Identifikatur |
| ID alternattiv | Identifikaturi oħra tal-kumpanija (pereż. Identifikatur tal-Entità Legali) | 0...n | Identifikatur |
| Forma ġuridika | It-tip ta' forma legali | 0 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Isem | Isem tal-kumpanija li tkun is-suġġett ta' din in-notifika | 0 | Test |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li *d-data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li *d-data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

Il-messaġġ ta' notifika jista' wkoll jinkludi *data* teknika meħtieġa għat-trażmissjoni xierqa tal-messaġġ.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jinkludi wkoll messaġġi tekniċi meħtieġa għall-konferma tal-wasla, illoggjar u skopijiet ta' rappurtar.

5.4 Notifika dwar bidliet fid-dokumenti u informazzjoni dwar il-kumpanija

Għal kull notifika dwar bidliet fid-dokumenti u l-informazzjoni tal-kumpanija msemmija fil-punt 4.4, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw *id-data* li ġejja:

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|--|----------------------------|--------------------------------------|
| Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> tal- <i>ħruġ</i> | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> ta' meta n-notifika kienet mibgħuta | 1 | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> |
| Organizzazzjoni tal- <i>Ħruġ</i> | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru fejn hija rreġistrata l-fergħa | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Data relatata ma' proċediment | | 1 | Grupp ta' Elementi |

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (') | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|---|-----------------|---|
| Tip ta' Proċedimenti | Tip ta' proċediment li jwassal għal notifika dwar bidliet fid-dokumenti u informazzjoni dwar il-kumpanija | 1 | (a) bidla fl-isem tal-kumpanija; (b) bidla fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija; (c) bidla fin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija fir-reġistru; (d) bidla fil-forma legali tal-kumpanija; (e) bidla fid-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14; (f) bidla fid-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 14 |
| Data tar-reġistrazzjoni | Data meta għet irrepistrata l-bidla fid-dokumenti u l-informazzjoni dwar il-kumpanija | 1 | Data |
| Data effettiva | Data meta tidħol fis-seħħ il-bidla fid-dokumenti u l-informazzjoni tal-kumpanija, jekk disponibbli | 0 | Data |
| Data rilevanti li għandha tiġi aġġornata, skont it-Tip ta' Proċediment | Bidla fid-data tal-kumpanija | 1 | Waħda minn dawn li ġejjin: (a) l-isem il-ġdid tal-kumpanija u l-isem preċedenti (b) l-uffiċċju reġistrat il-ġdid tal-kumpanija u l-uffiċċju rreġistrat preċedenti; (c) in-numru ta' reġistrazzjoni l-ġdid tal-kumpanija fir-reġistru u n-numru ta' reġistrazzjoni preċedenti; (d) il-forma ġuridika l-ġdida tal-kumpanija u l-forma ġuridika preċedenti; (e) Dokumenti u informazzjoni ġodda msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14 (dokumenti mehmuża possibbli), li għandhom jinkludu d-data li ġejja: — kemm jekk tkun persuna fiżika kif ukoll jekk tkun persuna ġuridika. — Fil-każ ta' persuna fiżika — Isem, kunjom, — data tat-twelid jekk disponibbli, inkella n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali, — Fil-każ ta' persuna ġuridika: — l-isem tal-kumpanija |

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|--------------------------------------|-----------------|--|
| | | | <ul style="list-style-type: none"> — EUID tal-kumpanija jew, jekk disponibbli, numru ta' reġistrazzjoni ieħor jekk mhux kumpanija elenkata fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/1132, — il-forma ġuridika — Irrispettivament jekk tkunx persuna fiżika jew persuna ġuridika: <ul style="list-style-type: none"> — Indirizz (jekk disponibbli fir-reġistru). — sew jekk appuntament sew jekk terminazzjoni, jew aġġornament għal appuntament eżistenti — jekk il-persuna taqax taħt l-Artikolu 14(d) (i) jew 14 (d) (ii), — fil-każ ta' persuni li jaqgħu taħt 14 (d) (i), kemm jekk waħedhom jew b'rappreżentazzjoni konġunta bl-għażla li jipprovdu informazzjoni addizzjonali, jekk meħtieġa, f'dokument jew test, jew, f'każijiet oħra, deskrizzjoni pprovduta f'dokument jew f'test — titolu — opzjoni li jiġi pprovdut dokument jew test li jiddeskrivi restrizzjonijiet possibbli għas-setgħa ta' rappreżentazzjoni (eż. valur u tip ta' negozju). — għażla li jiġu pprovduti biss dokumenti għall-persuni li jaqgħu taħt l-Art 14(d)(ii) <p>(f) dokumenti u informazzjoni ġdida msemmija fil-punt tal-Artikolu 14 (hemżiet possibbli), li għandhom jinkludu l-<i>metadata</i> li ġejja: sena finanzjarja.</p> |
| Data addizzjonali li trid tiġi pprovduta b'mod fakultattiv rigward il-punt (d) tal-Artikolu 14 | Bidla fid- <i>data</i> tal-kumpanija | 0...n | Data fakultattiva: <ul style="list-style-type: none"> — Numru ta' identifikazzjoni personali nazzjonali |

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (!) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|------------------------------|--|-----------------|---|
| | | | <ul style="list-style-type: none"> — Numru tad-dokument ta' identifikazzjoni (karta tal-identità, passaport) — Nazzjonalità/nazzjonalitajiet — Post tat-twelid |
| Id-data tal-kumpanija | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li għaliha tappartjeni l-fergħa | 1 | Identifikatur |
| ID alternattiv | Identifikaturi oħra tal-kumpanija (pereż. Identifikatur tal-Entità Legali) | 0...n | Identifikatur |

(!) Kardinalità 0 tfisser li d-data hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-data hija obligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' data tista' tiġi pprovduta.

Id-dokumenti u l-informazzjoni l-ġodda msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 ma għandhomx jintbagħtu lir-reġistru tal-fergħa jekk l-Istat Membru inkwistjoni japplika l-għażla msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva.

Il-messaġġ ta' notifika jista' wkoll jinkludi data teknika meħtieġa għat-trażmissjoni xierqa tal-messaġġ.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jinkludi wkoll messaġġi tekniċi meħtieġa għall-konferma tal-wasla, illogġjar u skopjijiet ta' rappurtar.

5.5. Notifika dwar il-mergers transfruntiera

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistri kif imsemmi fl-Artikolu 130 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 għandu jiġi msejjaħ bħala "notifika ta' mergers transfruntiera". Għal kull notifika ta' mergers transfruntiera msemmija fl-Artikolu 130 tad-Direttiva (UE) 2017/1132, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-data li ġejja:

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (!) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|---------------------------------|--|-----------------|------------------------------|
| Id-Data u l-Ħin tal-Ħruġ | Id-data u l-ħin ta' meta n-notifika kienet mibgħuta | 1 | Id-data u l-ħin |
| Organizzazzjoni tal-Ħruġ | L-organizzazzjoni li ħarġet din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | Organizzazzjoni li lilha hija indirizzata din in-notifika | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Data relatata mal-merger | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| Data Effettiva | Data meta l-merger issir effettiva | 1 | Data |

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|-----------------------------------|--|-----------------|---|
| Tip ta' merger | Tip ta' merger kif definit permezz tal-Artikolu 119 (2) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 | 1 | Kodiċi (Merger transfruntiera permezz ta' akkwist Merger transfruntiera permezz tal-formazzjoni ta' kumpanija ġdida Merger transfruntiera ta' kumpanija posseduta kollha) |
| Kumpanija riżultanti | | 1 | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li tirriżulta mill-merger | 1 | Identifikatur Ara t-Taqsima 8 ta' dan l-Anness għall-istruttura tal-EUID |
| IDs Alternattivi | Identifikaturi oħra | 0...n | Identifikatur |
| Forma ġuridika | It-tip ta' forma legali | 1 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Isem | Isem tal-kumpanija li tirriżulta mill-merger | 1 | Test |
| Uffiċċju Reġistrat | Uffiċċju reġistrat tal-kumpanija li tirriżulta mill-merger | 1 | Test |
| Isem ir-Reġistru | Isem ir-reġistru fejn il-kumpanija li tirriżulta mill-merger ġiet irreġistrata | 1 | Test |
| Kumpanija li qed tingħaqad | | 1...n | Grupp ta' Elementi |
| EUID | Identifikatur uniku tal-kumpanija li qed tingħaqad | 1 | Identifikatur Ara t-Taqsima 8 ta' dan l-Anness għall-istruttura tal-EUID |
| IDs Alternattivi | Identifikaturi oħra | 0...n | Identifikatur |
| Forma Legali | It-tip ta' forma legali | 1 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| Isem | Isem tal-kumpanija li tiegħu sehem fil-merger | 1 | Test |
| Uffiċċju Reġistrat | Uffiċċju reġistrat tal-kumpanija li tiegħu sehem fil-merger | 0...1 | Test |
| Isem ir-Reġistru | Ir-reġistru fejn kumpanija li qed tingħaqad tkun ġiet irreġistrata | 1 | Test |

(*) Kardinalità 0 tfisser li d-data hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-data hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' data tista' tiġi pprovduta.

Il-messaġġ ta' notifika jista' wkoll jinkludi data teknika meħtieġa għat-trażmissjoni xierqa tal-messaġġ.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jinkludi wkoll messaġġi tekniċi meħtieġa għall-konferma tal-wasla, illoggjar u skopijiet ta' rappurtar.

6. **Struttura tal-format ta' messaġġ standard**

L-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistri, il-pjattaforma u l-portal għandu jkun ibbażat fuq metodi standard ta' strutturar tad-*data* u jiġi espress f'format ta' messaġġ standard bħal XML.

7. **Data għall-pjattaforma**

Biex il-pjattaforma tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu pprovduti t-tipi ta' *data* li ġeġja:

- (a) *Data* li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sistemi li huma konnessi mal-pjattaforma. Dik id-*data* tista' tikkonsisti f'URLs jew kull numru jew kodiċi ieħor li jidentifika b'mod uniku kull sistema fil-BRIS;
- (b) Indiċi ta' dettalji elenkati fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1132. Din id-*data* għandha tintuża biex tkun żgurata konsistenza u riżultati ta' malajr tas-servizz ta' tiftix. Meta d-*data* ma tkunx disponibbli għall-pjattaforma għall-indiċizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istess dettalji disponibbli għall-iskop tas-servizz ta' tiftix b'mod li jiggarantixxi l-istess livell ta' servizz kif ipprovdut mill-pjattaforma;
- (c) Identifikaturi uniċi ta' kumpaniji msemmija fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u identifikaturi uniċi ta' ferġat msemmija fl-Artikolu 29(4) tad-Direttiva (UE) 2017/1132. Dawn l-identifikaturi għandhom jintużaw biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tar-reġistri permezz tal-pjattaforma;
- (d) Kull *data* operattiva oħra li hija meħtieġa għall-pjattaforma sabiex tkun tista' tiżgura l-funzjonament xieraq u effiċjenti tas-servizz ta' tiftix u l-interoperabbiltà tar-reġistri. Din id-*data* tista' tinkludi listi ta' kodiċi, *data* ta' referenza, glossarji u traduzzjonijiet relatati ta' dawn il-metadata, kif ukoll *data* ta' reġistrazzjoni u rappurtar.

Id-*data* u l-*metadata* mmaniġġati mill-pjattaforma għandhom jiġu pproċessati u maħżuna f'konformità mal-istandards tas-sigurtà deskritti fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

8. **L-istruttura u l-użu tal-identifikatur uniku**

L-identifikatur uniku għall-fini ta' komunikazzjoni bejn ir-reġistri għandu jisejjaħ EUID (Identifikatur Uniku Ewropew).


L-istruttura tal-EUID għandha tkun konformi mal-ISO 6523 u għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

| Element EUID | Deskrizzjoni | Deskrizzjoni addizzjonali |
|------------------------------|---|---------------------------|
| Kodiċi tal-pajjiż | Elementi li jagħmluha possibbli li jiġi identifikat l-Istat Membru tar-reġistru | Obbligatorju |
| L-Identifikatur tar-Reġistru | Elementi li jagħmluha possibbli li jiġi identifikat ir-reġistru domestiku tal-orijini tal-kumpanija u tal-fergħa rispettivament | Obbligatorju |
| Nru tar-reġistrazzjoni | In-numru tal-kumpanija/fergħa jirreferi għan-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija/fergħa fir-reġistru domestiku ta' orijini | Obbligatorju |
| In-numru ta' verifika | Elementi li jagħmluha possibbli li jiġu evitati żbalji ta' identifikazzjoni | Fakultattiv |

L-EUID għandu jintuża biex jiġi identifikati b'mod inekwivoku l-kumpaniji u l-fergħat għall-fini ta' skambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistri permezz tal-pjattaforma.

9. **Metodi ta' operazzjoni tas-sistema u s-servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni pprovduti mill-pjattaforma**

Għad-distribuzzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, is-sistema għandha tkun ibbażata fuq il-metodu tekniku ta' operazzjoni li ġej:



Għat-twassil ta' messaġġi fil-verżjoni tal-lingwa rilevanti, il-pjattaforma għandha tipprovdi artefatti ta' *data* ta' referenza, bħal-listi ta' kodiċijiet, vokabularji kkontrollati u glossarji. Fejn rilevanti, dawn għandhom jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Meta possibbli għandhom jintużaw standards rikonoxxuti u messaġġi standardizzati.

Il-Kummissjoni għandha taqşam mal-Istat Membru dettalji ulterjuri dwar il-metodu ta' teknika għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informatika pprovduti mill-pjattaforma.

10. **Kriterji tat-tiftix**

Mill-inqas pajjiż wieħed għandu jintgħażel meta ssir tfittxija.

Il-portal għandu jipprovdi l-kriterji armonizzati li ġejjin għat-tfittxija:

- Isem il-kumpanija.
- Numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpanija jew fergħa f'reġistru domestiku.

Kriterji ulterjuri ta' tfittxija jistgħu jkunu disponibbli fuq il-portal.

11. **Modalitajiet ta' ħlas**

Għad-dokumenti u d-dettalji li għalihom l-Istati Membri jitolbu ħlas u li huma disponibbli fuq il-Portal tal-Ġustizzja elettronika permezz tal-BRIS, is-sistema għandha tippermetti lill-utenti li jħallsu onlajn bl-użu ta' ħafna modalitajiet ta' pagament bħal karti ta' kreditu u ta' debitu.

Is-sistema tista' tipprovdi wkoll metodi alternattivi ta' ħlas online, bħal trasferimenti bankarji jew kartieri virtwali (depożitu).

12. **It-tikketti ta' spjegazzjoni**

F'dak li għandu x'jaqşam mad-dettalji u t-tipi ta' dokumenti elenkati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2017/1132, l-Istati Membri jipprovdu t-tabelli spjegattivi li ġejjin:

- (a) Titolu qasir għal kull partikolari u dokument (pereżempju: "Artikoli ta' inkorporazzjoni");
- (b) Kif xieraq, deskrizzjoni qasira tal-kontenut ta' kull dokument jew partikolari, inkluż, b'mod volontarju, informazzjoni dwar il-valur legali tad-dokument.

13. **Id-disponibbiltà tas-servizzi**

Iż-żmien li fih jingħata servizz għandu jkun 24/7, b'rata ta' disponibbiltà tas-sistema ta' mill-inqas 98 % ħlief il-manutenzjoni skedata.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' manutenzjoni kif ġej:

- (a) Ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn qabel għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw nuqqas ta' disponibbiltà sa perjodu ta' 4 sigħat;
- (b) Għaxart (10) ijiem ta' xogħol minn qabel għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw nuqqas ta' disponibbiltà sa perjodu ta' 12-il siegħa;
- (c) 30 jum tax-xogħol bil-quddiem għal manutenzjoni tal-kamra tal-infrastruttura tal-kompjuter, li jistgħu jikkawżaw sa sitt (6) ijiem ta' nuqqas ta' disponibbiltà f'perjodu ta' sena.

Kemm ikun possibbli, operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandhom ikunu pplanati barra mill-ħinijiet tax-xogħol (19:00 — 8:00 CET).

Meta l-Istati Membri jkollhom ħinijiet tas-servizz fissi għal kull ġimgħa, dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħin u l-ġurnata tal-ġimgħa meta jkunu pplanati dawn il-ħinijiet tas-servizz. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi fil-punti (a) sa (c) tat-tieni paragrafu, jekk is-sistemi tal-Istati Membri ma jibqgħux disponibbli matul tali perjodu fiss, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinnotifikawx lill-Kummissjoni f'kull okkażjoni.

F'każ ta' ħsara teknika mhux mistennija tas-sistemi tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bin-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema tagħhom, u, jekk ikun magħruf, meta jaħsbu li se jtkompla s-servizz.

F'każ ta' ħsara mhux mistennija fil-pjattaforma ċentrali jew fil-portal, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien bin-nuqqas ta' disponibbiltà tal-pjattaforma jew tal-portal, u jekk ikun magħruf, meta jaħsbu li se jtkompla s-servizz.

14. **Punti ta' aċċess opzjonali**

14.1. *Punti ta' aċċess fakultattivi għall-BRIS skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4) tad-Direttiva (UE) 2017/1132*

14.1.1 **Proċedura**

L-Istati Membri għandhom ipprovdur informazzjoni dwar iż-żmien ipplanat tal-istabbiliment tal-punti ta' aċċess fakultattivi, in-numru ta' punti ta' aċċess fakultattivi li jgħaqqdu l-pjattaforma, u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna (i) li tista' tiġi kkuntattjata għall-iskop li tiġi stabbilita konnessjoni teknika.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdur lill-Istati Membri bid-dettalji tekniċi neċessarji u appoġġ għall-ittestjar u l-użu ta' konnessjoni għal kull punt ta' aċċess fakultattiv mal-pjattaforma.

14.1.2 **Rekwiżiti tekniċi**

Għall-konnessjoni ta' punti ta' aċċess fakultattivi mal-pjattaforma, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti definiti f'dan l-Anness, inklużi l-ħtiġijiet ta' sigurtà għat-trażmissjoni ta' *data* permezz tal-punti ta' aċċess fakultattivi.

Meta l-ħlas ikun meħtieġ permezz ta' punt ta' aċċess fakultattiv, l-Istati Membri għandhom jipprovdur metodi ta' pagament tal-għażla tagħhom u jiġġestixxu operazzjonijiet ta' ħlas relatati.

L-Istati Membri għandhom iwettqu ttestjar xieraq qabel mal-konnessjoni mal-pjattaforma ssir operattiva u qabel ma jsiru xi bidliet sinifikanti ma' konnessjoni eżistenti.

Wara konnessjoni b'suċċess tal-punt ta' aċċess fakultattiv mal-pjattaforma, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull tibdil sinifikanti li jmiss tal-punt ta' aċċess li jista' jaffettwa l-funzjonament tal-pjattaforma, b'mod partikolari l-għeluq tal-punt ta' aċċess. L-Istati Membri għandhom jipprovdur biżżejjed dettalji tekniċi b'rabta mal-bidla, sabiex jippermettu integrazzjoni xierqa ta' kwalunkwe bidliet relatati.

L-Istati Membri għandhom jindikaw f'kull punt ta' aċċess fakultattiv li s-servizz ta' tiftix huwa pprovdut permezz tal-BRIS.

14.2. *Punti ta' aċċess fakultattivi għall-BRIS skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(4) tad-Direttiva (UE) 2017/1132*

14.2.1 Proċedura

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kwalunkwe talba li tirċievi għall-istabbiliment ta' punt ta' aċċess fakultattiv f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(4) tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

Min jagħmel it-talba għandu jipprovi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni xierqa tat-talba.

Il-Kummissjoni għandha tipprovi lil min jagħmel it-talba bid-dettalji tekniċi neċessarji u appoġġ għall-ittestjar u l-użu ta' konnessjoni għal kull punt ta' aċċess fakultattiv mal-pjattaforma.

14.2.2 Rekwiżiti tekniċi

Għall-istabbiliment ta' punti ta' aċċess fakultattiv mal-pjattaforma, min jagħmel it-talba għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-istabbiliment it-talba jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti definiti f'dan l-Anness, inklużi l-ħtiġijiet ta' sigurtà għat-trażmissjoni ta' *data* permezz tal-punti ta' aċċess fakultattiv.

Meta l-ħlas ikun meħtieġ permezz ta' punt ta' aċċess fakultattiv, min jagħmel it-talba għandu jipprovi metodi ta' pagament tal-għażla tagħhom u jiġġestixxu operazzjonijiet ta' ħlas relatati.

Min jagħmel it-talba għandu jwettaq ittestjar xieraq qabel mal-istabbiliment tal-pjattaforma jsir operattiv u qabel ma jsiru xi bidliet sinifikanti ma' konnessjoni eżistenti.

Wara stabbiliment b'suċċess tal-punt ta' aċċess fakultattiv mal-pjattaforma, min jagħmel it-talba għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kwull tibdil sinifikanti li jmiss tal-punt ta' aċċess li jista' jaffettwa l-funzjonament tal-pjattaforma, b'mod partikolari l-għeluq tal-punt ta' aċċess. Min jagħmel it-talba għandu jipprovi biżżejjed dettalji tekniċi b'rabta mal-bidla, sabiex jippermetti integrazzjoni xierqa ta' kwalunkwe bidliet relatati.

Min jagħmel it-talba għandu jindika f'kull punt ta' aċċess fakultattiv li s-servizz ta' tiftix huwa pprovdut permezz tal-BRIS.

14.3. *Rekwiżiti applikabbli għall-punti ta' aċċess fakultattivi skont l-Artikolu 22(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafu*

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar talba li tkun irċeviet.

Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom jinkludu wkoll miżuri li jiżguraw li l-punti ta' aċċess fakultattivi ma jaffettwawx il-funzjonament korrett tal-BRIS u lanqas il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*, b'kunsiderazzjoni dovuta għar-responsabbiltà rispettiva ta' kull parti fi ħdan il-parti tas-sistema taħt il-kontroll tekniku tagħha.

15. **Skambju ta' informazzjoni dwar diretturi skwalifikati**

15.1 *Introduzzjoni*

L-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13i(4) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 għandu jkopri każijiet fejn persuna tiġi skwalifikata milli ssir direttur ta' kumpanija ta' wieħed mit-tipi elenkati fl-Anness II għal dik id-Direttiva wara deċiżjoni ta' qorti jew awtorità kompetenti oħra ta' Stat Membru abbażi tal-liġi nazzjonali tiegħu.

L-iskambju ta' informazzjoni ma għandux ikopri każijiet fejn, skont il-liġi nazzjonali, persuna hija ġeneralment inkapaċi li tikkuntratta jew ristretta fil-kapaċità legali ġenerali tagħha jew wara deċiżjoni ta' qorti jew awtorità kompetenti oħra ta' Stat Membru bbażata fuq il-liġi nazzjonali tiegħu u għalhekk ma tistax issir direttur ta' kumpanija tat-tip imsemmi fl-ewwel paragrafu.

L-iskambju ta' informazzjoni ma għandux ikopri każijiet ibbażati fuq regoli speċifiċi skont il-liġi tal-Unjoni, bħar-regoli dwar l-adeqwatezza u l-adeqwatezza previsti fl-Artikolu 91(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Fejn, f'konformità mal-liġi nazzjonali fi Stat Membru, persuni ġuridiċi jitħallew ikunu diretturi ta' kumpanniji tat-tip imsemmi fl-ewwel paragrafu, tali persuni ġuridiċi għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni jekk din il-possibbiltà teżistix fil-liġi nazzjonali tiegħu.

15.2. Metodi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri

Il-metodu li ġej għandu jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ir-reġistri f'konformità mal-Artikolu 13i tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet taħt din it-taqsimha għandhom jiġu ttrasferiti permezz tal-BRIS bl-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf.

L-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa biex jikkorrelataw il-mistoqsijiet u t-tweġibiet taħt din it-taqsimha dwar l-istess talba.

15.2.1 L-ewwel livell tal-iskambju ta' informazzjoni

15.2.1.1 Domanda tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu, permezz tal-BRIS, informazzjoni minn Stat Membru wieħed jew aktar dwar jekk persuna li tapplika biex issir direttur ta' kumpanija ta' wieħed mit-tipi elenkati fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/1132 hijiex skwalifikata jew hijiex irreġistrata fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri tagħhom li fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi.

L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jiddeċiedi lil liema Stat Membru jew Stati Membri għandha tintbagħat id-domanda. Id-domandi għandhom jintbagħtu bil-ħsieb li jiġi żgurata skambju ta' informazzjoni effettiv, effiċjenti u fil-pront.

Kull domanda għandha tkopri persuna waħda u għandha tipprovdi d-*data* għall-identifikazzjoni tal-persuna. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jipproċessa tali *data* f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi skambjata biss id-*data* meħtieġa u d-*data* dwar l-applikant inkwistjoni biss.

15.2.1.2 Domanda tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika

Malli jirċievu d-domanda, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandhom, mingħajr dewmien, jipprovdutweġiba permezz tal-BRIS.

It-tweġiba għandha tindika jekk il-persuna identifikata fid-domanda hijiex skwalifikata jew hijiex irreġistrata fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri tal-Istat Membru rikjest li fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi.

F'każ li t-tweġiba tkun li l-persuna hija skwalifikata jew hija rreġistrata fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri li fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi, l-Istat Membru mitlub jista' jindika fit-tweġiba tiegħu liema *data* speċifika pprovduta mill-Istat Membru li jagħmel it-talba taqbel mad-*data* disponibbli fi l-Istat Membru mitlub liema *data* speċifika inkluża fid-domanda ma tistax tiġi kkonfermata mill-Istat Membru mitlub peress li mhijiex irreġistrata fir-reġistri tiegħu.

Jekk ikun meħtieġ, l-Istat Membru mitlub jista' jitlob lill-Istat Membru li jagħmel it-talba biex jipprovdi *data* ulterjuri biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni inekwivoka tal-persuna. Din id-*data* għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

15.2.2 It-tieni livell tal-iskambju ta' informazzjoni

L-iskambju għal informazzjoni addizzjonali jista' jsir permezz ta' mezzi xierqa oħra minbarra l-BRIS. Jekk it-tieni livell ta' skambju ta' informazzjoni isir permezz tal-BRIS, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-punti 15.2.2.1, 15.2.2.2, 15.3.3 u 15.3.4.

15.2.2.1 Domanda tat-tieni livell dwar l-iskwalifika

F'każ li Stat Membru mitlub jindika fl-ewwel livell li persuna partikolari hija skwalifikata jew hija rreġistrata fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri tiegħu li fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi, l-Istati Membri li jagħmel it-talba jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri mill-Istat Membru mitlub dwar il-persuna identifikata fid-domanda tal-ewwel livell.

Id-domanda tat-tieni livell għandha tkopri l-istess persuna bħat-tfittxija tal-ewwel livell u t-tweġiba tal-ewwel livell.

15.2.2.2 Tweġiba tat-tieni livell dwar l-iskwalifika

L-Istat Membru mitlub jista' jiddeċiedi, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, liema informazzjoni addizzjonali għandu jipprovdi. F'każ li l-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru ma tippermettix skambju ulterjuri ta' informazzjoni, huwa għandu jinforma b'dan lill-Istat Membru li jagħmel it-talba.

15.3. Lista dettaljata tad-data

Għall-iskambju ta' informazzjoni dwar diretturi skwalifikati, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-data li ġejja.

15.3.1. Domanda tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika

| Tip ta' data | Deskrizzjoni | Kardinalità (') | Deskrizzjoni addizzjonali |
|---|--|-----------------|------------------------------|
| Id-data u l-ħin tal-ħruġ | Id-data u l-ħin ta' meta din id-domanda kienet mibgħuta | 1 | Id-data u l-ħin |
| Organizzazzjoni tal-Ħruġ | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din id-domanda | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru tal-Istat Membru mitlub | 1 | Struttura tal-parti tad-data |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Domanda tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika Jekk il-persuna li tapplika biex tkun direttur hija persuna fiżika | | | |
| Isem | Isem il-persuna li tapplika biex tkun direttur | 1 | Test |
| Kunjom | Kunjom tal-persuna li tapplika biex tkun direttur | 1 | Test |
| Data tat-twelid | Data tat-twelid tal-persuna li tapplika biex tkun direttur | 1 | Data |
| Data ulterjuri ta' identifikazzjoni | Data ulterjuri pproċessata skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jagħmel it-talba u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 | 0...n | Test/data/identifikatur |
| Domanda tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika Jekk il-persuna li tapplika biex tkun direttur hija persuna ġuridika | | | |

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--------------------------------|---|----------------------------|--|
| Isem l-entità ġuridika | Isem tal-entità ġuridika li tapplika biex tkun direttur | 1 | Test |
| Forma ġuridika | Forma ġuridika tal-entità legali li tapplika biex tkun direttur | 1 | Kodiċi Kif imsemmi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-kumpanija fiha jew forma legali oħra jekk l-entità ġuridika taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1132 |
| EUID | EUID jekk hija kumpanija elenkata fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/1132. | 1 | Identifikatur |
| Numru tar-reġistrazzjoni ieħor | Numru tar-reġistrazzjoni ieħor jekk mhux kumpanija elenkata fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/1132. | 0 | Identifikatur |
| ID alternattiv | Identifikaturi oħra tal-kumpanija (pereż. Identifikatur tal-Entità Legali) | 0...n | Identifikatur |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li *d-data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li *d-data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-mezzi ta' identifikazzjoni meħtieġa għal skambju effiċjenti ta' informazzjoni dwar diretturi skwalifikati. Dik l-informazzjoni tista' tikkonsisti fil-forniment tad-*data* li hija meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni koperti minn talba.

L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll mezzi ta' identifikazzjoni elettronika għall-identifikazzjoni ta' persuni fl-iskambju ta' informazzjoni.

Domandi li jkopru persuna ġuridika għandhom jintbagħtu biss lil dawk l-Istati Membri li jippermettu li persuni ġuridiċi jkunu diretturi u li jippermettu l-iskwalifika ta' tali persuni ġuridiċi.

15.3.2. Tweġiba tal-ewwel livell dwar l-iskwalifika

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|--|----------------------------|--------------------------------------|
| Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> tal- <i>ħruġ</i> | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> ta' meta din it-tweġiba kienet mibgħuta | 1 | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> |
| Organizzazzjoni tal- <i>Ħruġ</i> | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din it-tweġiba | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru tal-Istat Membru li jagħmel it-talba | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|--|--|----------------------------------|
| Iva/le/m'hemmx biżżejjed <i>data</i> għall-identifikazzjoni | “Iva” jekk il-persuna hija skwalifikata jew hija rreġistrata fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri tagħha li fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi “Le” jekk il-persuna ma tkunx skwalifikata jew ma tkunx irreġistrata f'xi wieħed mir-reġistri tagħha li jkun fihom informazzjoni rilevanti għall-iskwalifika tad-diretturi “M'hemmx biżżejjed <i>data</i> għall-identifikazzjoni” jekk id- <i>data</i> pprovduta ma tagħmilhiex possibbli li l-persuna tiġi identifikata b'mod inekwivoku u tkun meħtieġa aktar informazzjoni. | 1 | Agħżel alternattiva |
| Meħtieġa <i>data</i> ulterjuri ta' identifikazzjoni | Indika liema <i>data</i> hija meħtieġa għal identifikazzjoni inekwivoka | 1...n (biss jekk m'hemmx biżżejjed <i>data</i> għall-identifikazzjoni) | Test/ <i>data</i> /identifikatur |
| L-ebda tweġiba tat-tieni livell mhi se tingħata permezz tal-BRIS | Jekk “iva”, l-għażla li tindika li mhux se tingħata tweġiba għad-domanda tat-tieni livell permezz tal-BRIS | 0 | Agħżel alternattiva |

(*) Kardinalità 0 tfisser li d-*data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-*data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

15.3.2.1. Għoti ta' *data* ulterjuri ta' identifikazzjoni

F'każ li l-Istat Membru rikjest jeħtieġ *data* ulterjuri ta' identifikazzjoni biex jiżgura identifikazzjoni inekwivoka, l-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jipprovidi d-*data* bl-użu tal-format tal-messaġġ li ġej:

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità (*) | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--|---|-----------------|--------------------------------------|
| Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> tal- <i>ħruġ</i> | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> ta' meta din id- <i>domanda</i> kienet mibgħuta | 1 | Id- <i>data</i> u l- <i>ħin</i> |
| Organizzazzjoni tal- <i>ħruġ</i> | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din id- <i>domanda</i> | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru tal-Istat Membru mitlub | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|-------------------------------------|---|----------------------------|---------------------------|
| Data ulterjuri ta' identifikazzjoni | Data ulterjuri mitluba mill-Istat Membru li jagħmel it-talba biex jiżgura identifikazzjoni inekwivoka pproċessata skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jagħmel it-talba u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 | 1...n | Test/data/identifikatur |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li d-*data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-*data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

15.3.3. Domanda tat-tieni livell dwar l-iskwalifika

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|-------------------------------|---|----------------------------|--|
| Id-data u l-ħin tal-ħruġ | Id-data u l-ħin ta' meta din id-domanda kienet mibgħuta | 1 | Id-data u l-ħin |
| Organizzazzjoni tal-ħruġ | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din id-domanda | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru tal-Istat Membru mitlub | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Itlob informazzjoni ulterjuri | Talba għal informazzjoni ulterjuri | 1...n | Itlob informazzjoni ulterjuri mill-inqas dwar waħda minn dawn li ġejjin: — raġunijiet għall-iskwalifika skont il-liġi nazzjonali, — data tad-deċiżjoni, — perjodu jew validità tal-iskwalifika, — numru tal-fajl, emittent tad-deċiżjoni. — Informazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjoni għal tali skwalifika (eż. skwalifiki speċifiċi għas-settur) |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li d-*data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-*data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

15.3.4. Tweġiba tat-tieni livell dwar l-iskwalifika

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|--------------------------|---|----------------------------|---------------------------|
| Id-data u l-ħin tal-ħruġ | Id-data u l-ħin ta' meta din it-tweġiba kienet mibgħuta | 1 | Id-data u l-ħin |

| Tip ta' <i>data</i> | Deskrizzjoni | Kardinalità ⁽¹⁾ | Deskrizzjoni addizzjonali |
|----------------------------|--|----------------------------|--|
| Organizzazzjoni tal-Ħruġ | L-isem/L-identifikatur tal-organizzazzjoni li toħroġ din it-tweġiba | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Organizzazzjoni Reċipjenti | L-isem/L-identifikatur tar-reġistru tal-Istat Membru li jagħmel it-talba | 1 | Struttura tal-parti tad- <i>data</i> |
| Referenza Leġiżlattiva | Referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni | 0...n | Test |
| Informazzjoni ulterjuri | Talba għal informazzjoni ulterjuri | 1...n | Informazzjoni ulterjuri mill-inqas dwar waħda minn dawn li ġejjin: — raġunijiet għall-iskwalifika skont il-liġi nazzjonali, — data tad-deċiżjoni, — perjodu jew validità tal-iskwalifika, — numru tal-fajl, emittent tad-deċiżjoni. — Informazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjoni għal tali skwalifika (eż. skwalifiki speċifiċi għas-settur) — M'hemmx informazzjoni ulterjuri pprovduta f'każ li l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ma tippermettix aktar skambju ta' informazzjoni - elenka d- <i>data</i> li dwarha ma tingħatax informazzjoni ulterjuri. (hemża tad-dokumenti possibbli) |

⁽¹⁾ Kardinalità 0 tfisser li d-*data* hija fakultattiva. Kardinalità 1 tfisser li d-*data* hija obbligatorja. Kardinalità 0...n jew 1...n tfisser li aktar minn parti waħda tal-istess tip ta' *data* tista' tiġi pprovduta.

15.4. Operat tal-iskambju ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jindikaw jekk iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet minħabba għadd kbir ta' domandi li jkun rċevew. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwistjoni bil-ħsieb li jiżguraw it-tħaddim bla xkiel tal-iskambju ta' informazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema.